# millKDZ

**flimkien...għas-servizz taż-żgħażagħ**



nru. 89

Lulju - Ottubru 2009

04 Ħidma Dinamika
06 Linji gwida għal quddiesa żagħżugħa (4)
10 Music Forum: You are not alone / Heal the world
12 Notice Board
15 Skema ta' laqgħa: Ix-Xiri
19 Y Standup?
20 Għal Mexxejja Aħjar
22 Drama Page: Saqajn tat-tafal
24 Fihom x'togħmod: Viżjoni għall-KDŻ (4)

Ħsieb

"Agħti lill-fqar mhux flus biss imma qalbek ukoll"

Madre Teresa ta' Kalkutta

editur:
Ralph Camilleri

issetjar u proof-reading:
Raymond Miceli

disinn:
Julian Mallia

mitbugh:
Gutenberg Press

jghinu wkoll:
Adrian Scicluna
Astrid Camilleri

Ghat-traduzzjonijiet:
Vincent Cachia
Margaret Borg
Lynette Camilleri
Gwyneth Grech
Robert Tanti
Anne Marie Zammit

Ghall-iscans:
Darren Dimech

***Tajjeb tkunu tafu...***
li biex inżommu l-livell ta' produzzjoni preżenti, kull rivista qed jiġi jiswa madwar 1.16 (Lm0.50-il wieħed (posta inkluża). 'mill-KDŻ" qed tintbagħat b'xejn lil madwar 1300 għaqda u individwi li jaħdmu maż-żgħażagħ. Jekk temmnu f'din ir-rivista u tixtiquha tkompli taqdi u sservikom, tkun apprezzata kull għajnuna biex inkopru l-ispejjeż konsiderevoli ta' l-istampar. Kull offerta tista' tintbagħat lil:

**Editur 'mill-KDŻ', 492/3, St. Joseph High Road, Sta Venera SVR 1014**

Nirringrazzjaw lil Franca Buttigieg (EUR 20).

Nota editorjali: Kull kitba fir-rivista qed tirreferi kemm għas-sess maskil kif ukoll għal dak femminili Għalhekk, kull fejn tintuża referenza għal maskil tirreferi bl-istess mod għal dak femminil. Jiddispjaċina li din il-ħarġa ta' 'mill-KDŻ' qed toħroġ kemmxejn tard.

**Jiddispjaċina li din il-ħarġa ta' mill-KDŻ kellha toħroġ tard minħabba ċirkustanzi li ma kenniex kontrol fuqhom.**

*Ritratt tal-faċċata: Żgħażagħ - minn ta' quddiem fil-volontarjat.*

EDITORJAL

# L-għan aħħari

F'ħajjitna kemm-il darba nkunu rridu nilħqu destinazzjoni jew għan partikolari.

Nibdew naraw kif se naslu... Minn triq jew minn oħra. Triq li tista' tkun twila u b'ħafna dawrien jew qasira u dritta. Triq b'ħafna tlajja' u sfidi u oħra għal-lix u tidher għallinqas minn barra ħafifa.

Naraw ukoll biex ser naslu… Naħsbu fuq l-aħjar mezz li jista' jwassalna għall-għan tagħna. Bil-mixi jew bil-karozza? Bl-internet jew bl-ittri postali? B'laqgħat ma' grupp jew b'laqgħat personali...

Naraw ukoll kemm irridu naslu malajr għad-destinazzjoni finali. Nistgħu nsibu triq li toħdilna tul ta' żmien għax nippreferu nirranġawha ħalli tkun aħjar għal ta' warajna. Jew hemm triq qasira fejn naslu malajr fid-dehra imma nkunu ħallejna bosta nuqqasijiet matul it-triq?

Naraw ukoll x'riżorsi għandna bżonn biex naslu. Kemm għandna bżonn flus, nies u taħriġ u mezzi oħra biex jgħinuna naslu?

Dawn il-mistoqsijiet jinqalgħu regolarment f'ħajjitna għal raġunijiet jew għanijiet varji. Kemm jekk wieħed irid jasal saċ-Cirkewwa jew biex jibni daru… irid jaħseb minn qabel ma jibda u jkompli jevawla triqtu matul it-triq.

Fil-ħidma pastorali maż-żgħażagħ l-istess jiġri. Meta l-għan aħħari ta' din il-ħidma hu li jwassal lil Ġesù liż-żgħażagħ, organizzazzjonijet bħall-KDŻ u oħrajn f'dan il-qasam iridu jippjanaw il-ħidma tagħhom ħalli dan il-għan jintlaħaq b'viżjoni ċara, bl-aħjar mezzi possibbli, b'koperazzjoni sħiha bejn l-operaturi pastorali u bla ħela ta' riżorsi umani, finanzjari u oħrajn.

Il-KDŻ ilha aktar minn 25 sena fil-ħidma pastorali maż-żgħażagħ u dejjem ipprovat tilħaq l-għan aħħari tagħha b'viżjoni u effiċjenza, minkejja problemi u sfidi li xi kultant ixekklu l-ħidma tagħha. Tul is-snin il-KDŻ ipprovat ukoll timxi maż-żminijiet u evalwat il-proġetti tagħha fid-dawl tal-bżonnijiet pastorali. Għalhekk, kellna bosta proġetti li wara li għadda ż-żmien minn fuqhom, kienu ġew riveduti.

Għalkemm is-servizz tar-rivista mill-KDŻ għadu jintuża minn bosta għaqdiet u individwi, inħass il-bżonn li wara Diċembru ta' din is-sena, ir-rivista se tieqaf biex is-servizz jiġi evalwat fuq ħafna livelli. Fost affarijiet oħra, trid tiġi studjata l-attwalità tiegħu bħala għodda ta' evanġelizzazzjoni fid-dawl ta' alternattivi oħra. Kieku jiġi deċiż li l-proġett jitkompla, irid ukoll jinstab voluntier ġdid li jieħu ħsieb il-kordinazzjoni tal-proġett. Wara aktar minn tmintax-il sena editur ta' din ir-rivista, inħoss li wasal iż-żmien li nħalli din il-ħidma f'idejn oħra b'aktar enerġija u ħin disponibbli. Aħna nħossu li reviżjoni bħal dik ippjanata hi neċessarja biex is-servizz ta' mill-KDŻ jibqa' rilevanti.



ralph camilleri

# Ħidma dinamika



Għeżież,
Kif tafu tgħiduli intom aħjar, speċjalment intom li qed taħdmu fil-qasam tal-adolexxenti u żgħażagħ, l-ebda sena mhi bħall-oħra. Wara li ż-żgħażagħ jiġu lura mill-vaganzi tas-sajf, tolqtok mill-ewwel il-bidla li tkun saret fihom. Jien li għamilt żmien kap ta' skejjel, din kienet timpressjonani ħafna. Kont nistaqsi: Min jaf x'għadda minn għalihom matul is-sajf? Kemm tbiddlu!, kemm vuċijiet ġodda!; x'aspirazzjonijiet ġodda ġabu magħhom? Kemm inbidlu fl-attitudnijiet tagħhom? X'esperjenzi għaddew minnhom? Kemm kibru fil-ħsieb, fil-mentalità, fil-maturità?

Iż-żgħażagħ jinbidlu malajr. U dan jagħmel il-preżenza u l-ħidma tagħna magħhom daqstant aktar dinamika.

Jinbidlu ż-żgħażagħ, jeħtieġ li aħna ninbidlu wkoll, nikbru magħhom, nissaħħu magħhom, nibqgħu fil-mixja magħhom, inkella f'għajnejhom naqgħu lura! Aħna għandna r-responsabbiltà li nibqgħu f'sintonija mal-ħtiġijiet tagħhom u nibqgħu relevanti għalihom, inkella nistgħu nkunu qed naħlulhom il-ħin. Il-lingwaġġ tagħhom jinbidel, il-pass tagħhom jinbidel, l-esperjenzi ġodda għalihom ma jiqfux, l-għatx għall-għarfien fihom isir

→

aktar akut, u fuq kollox jiġu aktar bżonna. Imma mhux kif konna s-sena l-oħra, imma kif ninsabu llum, bil-kumpanija li għandhom bżonn illum, bl-għarfien li għand-hom bżonn għall-ħtiġijiet tal-lum.

Meta min jakkumpanja liż-żgħażagħ ma jħossux għajjien, għandu jistaqsi lilu nnif-su: Imma jien għadni rilevanti?

Meta min jimxi maż-żgħażagħ ma jibdiex kultant jaqta' qalbu u jħossu mitluf, għandu jistaqsi lilu nnifsu: Imma jien naf verament min huma ż-żgħażagħ li qed nimxi magħhom?

Meta min qed jagħmel esperjenza maż-żgħażagħ ma jħossx il-bżonn tal-għajnuna għalih innifsu, għandu jdur dawra fuqu nnifsu u jistaqsi: Imma jien naf min jien?

Il-ħtieġa ta' formazzjoni kontinwa għalina li nakkumpan-jaw liż-żgħażagħ mhix ċajta. Il-ħtieġa ta' għajnuna, ta' akkumpanjament għalina nfusna mhix xi lussu li nistgħu ngħaddu mingħajru. Il-bidliet kontinwi fiż-żgħażagħ u fl-ambjenti tagħhom, jistgħu iħalluna bla nifs u ma nindunawx li qed nitilfu l-kuntatt maż-żgħażagħ. Nistgħu nkunu preżenti magħhom fiżikament, imma ma nkunux preżenti għalihom.

Min hawn toħroġ ukoll l-importanza li aħna, l-operaturi pastorali li nakkumpanjaw liż-żgħażagħ ikollna spazju tagħna u għalina. Il-ħtieġa li aħna naħdmu flimkien u nagħtu s-sostenn lil xulxin mhix kapriċċ. Anzi, ma nistgħux aktar ngħaddu mingħajru. U dan mhux biss fuq livell individwali, personali, imma wkoll fuq livell ta' organiżżaz-zjoni, grupp, għaqda, Knisja, djoċesi.

Is-Sinodu fetħilna viżjoni ġdida. Tana ħajja ġdida. Permezz tad-dokument tas-Sinodu, għażilna li nimxu f'mogħdija li permezz tagħha se naslu għal għarfien aħjar tagħna nfusna, operaturi pastorali, jew żgħażagħ mexxejja, u tad-dinja taż-żgħażagħ. Dan kollu, bħaż-żgħażagħ wara s-sajf, ġab miegħu mhux biss bidliet li jeħtieġ isiru, imma għamilna aktar konxji tal-bidliet li bina u mingħajrna saru xorta waħda.

Diġà għamilna ħafna passi 'l quddiem. Jeħtieġ li nibqgħu fil-mixja tagħna bil-kuraġġ u b'determinazzjoni. Jeħtieġ inkomplu nibnu l-għaqda ta' bejnietna u nitħeġġu aktar biex nieħdu responsabbiltà tal-Kummissjoni Djoċesana Żgħażagħ.

Iż-żgħażagħ għandhom bżonna u jriduna magħhom. Kuraġġ. Il-Mulej magħna matul din il-mixja.



fr savio vella
sdb

# Linji gwida għal quddiesa żagħżugħa (4)

F'din il-ħarġa ta' 'mill-KDŻ' se nikkonkludu bir-raba' parti tal-linji gwida għal quddiesa żagħżugħa. Fl-aħħar ħarġa, komplejna fuq l-importanza tal-animazzjoni tal-quddiesa. Nisperaw li ssibu dawn il-linji utli u napprezzaw kull *feedback* tagħkom.

**4. Mumenti oħra tal-quddiesa**

Is-saċerdot jippresiedi fil-quddiesa, mhux bħala awtorità iżda bħala medjatur bejn il-komunità miġbura u Alla. Għalkemm din turi n-neċessità tas-saċerdot fil-quddiesa, turi wkoll il-bżonn li n-nies jieħdu sehem. Mumenti bħall-offertorju, li jsiru f'isem dawk kollha miġburin, jistgħu jintużaw biex jenfasizzaw dan is-sehem. Fl-każ tal-offertorju, m'għandniex ninsew li l-offerta prinċipali ta' dawk miġburin hija dik tal-ħobż u l-inbid: offerti oħra m'għandhomx jingħataw importanza akbar minnhom!

Il-mument ta' wara r-rit tat-Tqarbin (Missierna, Paċi, Tqarbin) juri tajjeb ħafna dan l-aspett komunitarju tal-quddiesa, għalhekk għandna nagħmlu l-akbar użu minnu biex inkomplu nagħtu aktar ħajja lil dan l-aspett. Il-*Liturgy Teams* huma liberi li jużaw il-kreattività tagħhom biex jgħaqqdu n-nies kemm jista' jkun flimkien, issa li jkunu waslu biex jingħaqdu mal-ġisem ta' Ġesù fit-tqarbin. Għandna nagħtu importanza xierqa lil mument tal-paċi, billi niżguraw li jkun twil biżżejjed u n-nies ikunu megħjuna biex verament jgħaddu l-paċi tagħhom lil xulxin.

Fl-istess waqt għandna noqogħdu attenti li ma nisfurzawx lin-nies f'dan il-mument li jista' jkun delikat ħafna. Fuq kollox għandna nkunu sensittivi għall-mentalità tal-komunità f'dak kollu li nagħmlu. L-istess jgħodd għall-mument tat-tqarbin. Jekk nagħzlu li nitqarbnu biż-żewġ speċi, m'għandiex ingerfxu lin-nies u fejn din il-prattika għadha ġdida għandna naraw li tidħol b'mod gradwali. Dan hu mument ta' qima kbira, għalhekk irridu nżommu l-ġabra li tixraq. Tajjeb li ninnutaw li l-Konferenza Episkopali ddeterminat ċerti ġranet meta dan tajjeb isir.

**Skiet**

Is-skiet għandu wkoll parti ċentrali fil-quddiesa. Fis-skiet in-nies ikunu jistgħu jidħlu f'mumenti ta' ġabra, ta' kontemplazzjoni u ta' meditazzjoni. Apparti minhekk, is-skiet hu importanti bejn mument u ieħor għax juri li tkun se ssir bidla, li l-komunità se tidħol aktar fil-fond fis-sagrifiċċju. Is-skiet jipprovdi spazju għal riflessjoni għalhekk huwa tajjeb li bejn il-qari, wara l-omelija u wara t-tqarbin inħallu ftit mumenti ta' skiet biex inħallu dak li jkun qed iseħħ jinżel fil-qalb ta' dawk preżenti.

→

**Mużika**

Il-mużika u l-kant għandhom rwol importanti daqs is-skiet. L-iskop tagħhom mhux sempliċiment li jferraħ jew iqajjem il-quddiesa; il-mużika għandha l-qawwa li tiġbor in-nies f'komunità. Permezz tal-kant in-nies isiru vuċi waħda, b'ritmu wieħed u b'ton wieħed. Mela l-*music ministry* mhix qegħda hemm biex toffri spettaklu waqt il-quddiesa iżda biex tgħin lin-nies jinġabru f'talba waħda. Għalhekk, l-għażla tal-innijet għandha dejjem tikkonċentra madwar il-komunità partikolari. Min-naħa l-oħra, l-għażla trid tagħti ħafna każ ukoll tal-mument liturġiku li jkun qed iseħħ u l-innijiet iridu jkunu jaqblu mal-mument partikolari.

Minkejja li d-daqq u l-kant mhux *performance,* irid ikun hemm preparazzjoni tajba biex in-nies ikunu megħjuna jipparteċipaw. Il-*music ministry* fi ħdan il-*Liturgy Team* għandha tara li n-nies ikunu pprovduti bil-kliem tal-innijiet u li jkunu jafu l-melodija. Dan ma jfissirx li m'għandhomx jiġu mgħallma innijiet ġodda; anzi bidla fl-innijiet tgħin biex iżżomm l-animazzjoni dejjem ħajja. Għandu jingħata ċans biex dawk li ma jafux l-innijet, jitgħallmuhom. *Rehearsals* fil-bidu tal-quddiesa jservu tajjeb biex innijiet ġodda jindraw, filwaqt li jagħtu ħin lill-*music ministry* tipprattika.

Biex il-kant u l-mużika jkomplu jħajjru l-parteċipazzjoni tal-komunità, il-*Liturgy Team* għandu jara li l-kwalità tkun tajba. L-akustika tal-knisja għandha tittieħed bis-serjetà u investiment f'*PA systems* irid ikun serju, skont kemm il-parroċċa tkun tista' tipprovdi. Fl-istess ħin hi inkoraġġita l-kollaborazzjoni bejn *music ministries* li jservu f'quddies u parroċċi differenti. Dawn l-esperjenzi huma ta' sostenn u enerġija ġdida kemm għall-*ministry* kif ukoll għan-nies li jipparteċipaw fil-quddiesa.

Il-preparazzjoni tal-animazzjoni tmur lil hinn minn sempliċiment mużika u kant, iżda jinkludi wkoll dak kollu li għandu x'jaqsam mal-ambjent sħiħ taċ-ċelebrazzjoni, u mas-servizz li l-ministri liturġiċi jagħtu f'isem il-bqija tal-komunità. Il-mużika u l-kant, iżda, jibqgħu ċentrali għal quddiesa żagħżugħa. Hawn taħt issibu linji gwida li joffru għajnuna fl-għażla tal-innjiet skont il-mumenti diversi tal-quddiesa, utli għall-*music ministry.*

**Gwida għall-għażla tal-Kant waqt il-Quddiesa**

Il-kant għandu l-qawwa li jiġbor lin-nies kollha f'vuċi waħda, fl-istess ton u ritmu. Il-ministeru tal-mużika waqt il-quddies irid jgħin lil dawk miġburin biex jipparteċipaw. Għalhekk hu importanti li l-innijiet jintgħażlu b'sensittività għat-tip ta' ġemgħa miġbura (żgħażagħ, tfal, studenti, membri ta' għaqda eċċ). Barra minhekk, l-għażla trid tkun taqbel mal-mument liturġiku (introjtu, jew offertorju, jew tqarbin eċċ). Biex il-ministri tal-mużika jkunu megħjuna fl-għażla ta' innijiet, f'dawn il-linji gwida nsibu l-quddiesa maqsuma u spjegata skont id-diversi mumenti tagħha. Il-punti ta' spjegazzjoni huma

→

meħuda mill-Istituzzjoni Ġenerali tal-Missal Ruman, filwaqt li s-suġġerimenti u eżempji ta' innijiet ġew ippreparati minn Ivan Laferla.

**L-introjtu**
Waqt il-purċissjoni tas-saċerdot lejn l-altar, jibda l-kant tal-introjtu. Dan il-kant isir biex jiftaħ iċ-ċelebrazzjoni, igħin lin-nies ħalli jingħaqdu bejniethom u jiftakru fil-misteru li jkunu se jiċċelebraw skont iż-żmien liturġiku jew il-festa li tkun.

- Irid ikun innu ta' stedina eż. *Come on and Celebrate*
- Jista' jkun xi salm eż.*Quddiem Alla bil-ferħ inkantaw* (Salm 100)
- Jista' jkun maestuż u qawwi eż. *Erfa' għajnejk ġej Ġesù l-Mulej*
- Jista' jkun Marjan f'okkażjonijiet Marjani

**Kyrie u Glorja**
Waqt il-*Kyrie* l-ġemgħa titlob maħfra lil Alla għan-nuqqasijiet tagħha. Il-Glorja hu innu antik li bih il-Knisja tagħti glorja lill-Alla l-Missier. Il-kliem ta' dan l-innu m'għandux jinbidel. Il-Glorja titkanta fil-Ħdud barra l-Avvent u r-Randan; fis-solennità u l-festi, kif ukoll f'ċelebrazzjonijet speċjali aktar solenni mis-soltu.

- Irid ikun fihom il-kliem liturġiku kollu
- Waqt il-kant tal-Glorja jista' jsir ħin ta' tifħir lil Alla.

Wara s-silta li tinqara eżatt qabel l-Evanġelju, titkanta l-Hallelujah; matul ir-Randan inkantaw minflok *Glorja u tifħir lilek Kristu.* Permezz ta' dan il-ġest dawk miġbura jkunu qed jilqgħu lill-Mulej li jkun se jkellimhom fl-Evanġelju.

- Jekk se jitkanta ukoll il-versett, tajjeb li jkun tal-ġurnata.

**L-offerti**
Fil-ħin tal-Offerti dawk miġburin ikunu qegħdin iħejju lilhom infushom biex jilqgħu lil Ġesù Kristu fil-ġisem u d-demm. Hu mument ta' preparazzjoni, mhux sempliċiment tal-altar imma fuq kollox preparazzjoni interna. Anki jekk ma tkunx se ssir purċissjoni bl-offerti jista' jsir kant waqt dan il-mument.

- Irid ikun innu ta' offerta eż. *Dil-qalb dal-moħħ* jew *Irrid nieħu sehem*
- Mhux innu Marjan
- Mhux ta' Adorazzjoni eż. *Agħti qima poplu t'Alla*
- Mhux ta' Proklamazzjoni eż *Il-fidwa nafuha 'l Missier*

**Talba Ewkaristika**
Waqt dan il-mument il-ħobż u nbid jinbidlu verament fil-ġisem u d-demm ta' Kristu. L-elementi l-kbar tat-Talba Ewkaristika huma dawn:

- Il-Qaddis qabel il-konsagrazzjoni;
- Il-mument tal-konsagrazzjoni nnifsu u
- L-Akklamazzjoni eżatt wara.

- Il-Qaddis:
  Jekk se titkanta, importanti li jingħad il-kliem liturġiku kollu.

- Il-Konsagrazzjoni:
  Jekk se jindaqq xi ħaġa waqt il-kliem tal-konsagrazzjoni ma jistax ikun innu 'tqil' mużikalment. Jista' jindaqq innu baxx ħafna fl-isfond. Preferibbilment ftit kordi li ma

→

jtellfux il-kongregazzjoni milli tikkonċentra fuq il-misteru ċelebrat quddiema.

- Wara l-Konsagrazzjoni:
Wara l-att ta' Konsagrazzjoni ma tistax issir adorazzjoni jekk mhux bil-permess tal-Presbiteru li qed jippresedi l-Ewkaristija. Liturġikament, it-talba Ewkaristika trid tkompli tingħad, iżda f'każi eċċezzjonali tista' ssir adorazzjoni qasira.

Il-kant permess mil-Liturġija għal dan il-ħin hu dak l-innu li fih jissemmew dawn it-tliet ħwejjeġ:
i) Inħabbru l-mewt tal-Mulej
ii) Inxandru bil-ferħ il-qawmien tiegħu
iii) Nistennewh sa ma jiġi fil-glorja

Ma jistax isir kant ieħor - la ta' adorazzjoni u lanqas Marjan.

**Il-Missierna**
Il-Missierna hija t-talba tal-Mulej, u fiha nitolbu lil Alla biex jagħtina l-ħobż ta' kuljum, li lill-insara jfakkarhom fil-Ħobż Ewkaristiku, u biex jaħfrilna dnubietna, ħalli l-ħwejjeġ qaddisa nirċevuhom tassew bil-qdusija. Din hija talba komunitarja u parteċipattiva.

- Irid ikun fiha l-kliem tal-Missierna u mhux xi forma oħra

Eż Missierna miktuba minn J.C. Aquilina hija tajba

Eż Missierna miktuba minn S. Martinez m'hijiex tajba

**Ir-Rit tal-Paċi**
Fir-rit tal-paċi, il-Knisja titlob lil Alla biex jagħti s-sliem u l-għaqda lilha nfisha u lill-familji kollha tal-bnedmin, u dawk miġburin ifissru l-għaqda u l-imħabba ta' bejniethom, qabel jitqarbnu bis-Sagrament. Waqt li jsir il-qsim il-ħobż u biċċa maqsuma tiġi mbilla fl-inbid, titkanta l-*Ħaruf t'Alla*. Dan l-att jesprimi l-għaqda tal-ġisem u d-demm ta' Kristu u l-fidi ta' dawk miġburin fis-salvazzjoni li dan il-misteru jġib.
- Kemm il-Paċi u l-Ħaruf t'Alla irid ikun fihom il-kliem liturġiku sħiħ

**Tqarbin**
Waqt it-tqarbin tas-saċerdot jibda l-kant tat-Tqarbin. Dan il-kant ifisser l-għaqda spiritwali ta' dawk li jitqarbnu. Bl-għaqda tagħhom fil-vuċi mhux biss juru l-ferħ ta' qalbhom iżda jintefa' dawl fuq is-sens ta' komunità ta' dawk li jkunu mexjin f'għamla ta' purċissjoni biex jirċievu l-Ewkaristija. Il-kant jibqa' sejjer sakemm jitqarbnu l-fidili kollha.
- Mument solenni. Kant ta' adorazzjoni indirizzat lejn il-Mulej
- Kant li mhux tajjeb: *Lilek Mulej tifħir u glorja, Għalkemm tant ħafna,*
- Kant adattat ta' adorazzjoni eż. *Ġesù Inti x-xorb tiegħi, Iddecidejt, Meta nilmaħ*

**Għeluq**
Permezz tar-rit ta' l-Għeluq, is-saċerdot jibgħat lil dawk miġbura fis-sliem u fil-ferħ, biex ikomplu jwettqu dak li ċċelebraw fil-ħajja ta' kuljum u jfaħħru u jbierku lill-Mulej.
- Kant ta' tifħir jew ċelebrazzjoni
- Kant li jesprimi xhieda
- Jista' jkun kant Marjan

Kulmin jixtieq jagħti *feedback* fuq dawn il-linji gwida jista' jagħmel dan billi jikteb lil KDŻ jew juża l-e-mail: info@kdz.org.mt. Il-*feedback* tagħkom ikun apprezzat ħafna. ■ ■ ■

# You are not alone / Heal the world

(Michael Jackson)

## "You Are Not Alone"

Another day has gone
I'm still all alone
How could this be
You're not here with me
You never said goodbye
Someone tell me why
Did you have to go
And leave my world so cold

**Ref 1** Everyday I sit and ask myself
How did love slip away
Something whispers in my ear and says
That you are not alone
For I am here with you
Though you're far away
I am here to stay

But you are not alone
For I am here with you
Though we're far apart
You're always in my heart
But you are not alone

'Lone, 'lone
Why, 'lone

Just the other night
I thought I heard you cry
Asking me to come
And hold you in my arms
I can hear your prayers
Your burdens I will bear
But first I need your hand
Then forever can begin

**Ref 1** (x1)

**Ref 2** For you are not alone
For I am here with you
Though we're far apart
You're always in my heart

For you are not alone

Whisper three words and I'll come runnin'
And girl you know that I'll be there
I'll be there

You are not alone
For I am here with you
Though you're far away
I am here to stay

**Ref 2** (x1)

For you are not alone
For I am here with you
Though you're far away
I am here to stay

**Ref 2** (x1)

For you are not alone...

*Link fuq il-Youtube:*
*http://www.youtube.com/watch?v=i1xTwrLCAIc*

## "Heal The World"

There's a place in your heart
And I know that it is love
And this place could be much brighter
than tomorrow
And if you really try
You'll find there's no need to cry
In this place you'll feel there's no hurt or
sorrow

There are ways to get there
If you care enough for the living
Make a little space
Make a better place...

**Ref 1** Heal the world make it a better
place
For you and for me and the entire
human race
There are people dying
If you care enough for the living
Make a better place for you and for me

If you want to know why
There's a love that cannot lie
Love is strong it only cares for joyful giving
If we try we shall see
In this bliss we cannot feel
Fear or dread we stop existing
and start living

→

Then it feels that always
Love's enough for us growing
So make a better world
Make a better world...

**Ref 1** (x1)

And the dream we were conceived in will
reveal a joyful face
And the world we once believed in will
shine again in grace
Then why do we keep strangling life
wound this earth crucify its soul
Though it's plain to see this world is
heavenly be God's glow

We could fly so high
Let our spirits never die
In my heart I feel you are all my brothers
Create a world with no fear
Together we'll cry hppy tears
See the nations turn their swords into
plowshares

We could really get there
If you cared enough for the living
Make a little space



To make a better place...

**Ref 1** (x3)

There are people dying
If you care enough for the living
Make a better place for you and for me

There are people dying
If you care enough for the living
Make a better place for you and for me

You and for me (x11)

*Link fuq il-Youtube:*
*http://www.youtube.com/watch?v=Jpz5eD9L4dA*

# ĦSIEB:

Kull min sema' l-aħbarijiet fis-26 ta' Ġunju li għadda, l-ewwel aħbar li sema' kienet il-mewt ta' Michael Jackson, li seħħet il-jum ta' qabel. Saru ħafna programmi dwar dak li seta' ġara, u dokumentarji sħaħ dwar mewtu. Imma tajjeb li f'dan l-artiklu nitkellmu dwar id-diski li kiteb. Hawnhekk, ġibna tnejn, imma l-lista hija ħafna itwal. Ta' min isemmi siltiet oħra bħal *Earth Song, Black or White, They Don't Care About Us,* kif ukoll diska oħra li kiteb u pparteċipa fiha - *We Are The World.*

Il-messaġġ tas-siltiet li għażilna nistgħu ngħidu li jitkellmu waħedhom u m'għandhomx bżonn ta' ħafna spjegazzjoni. Messaġġi ċari li żgur li jolqtu lil dak li jkun.

Jalla l-patrimonju mużikali li ħalla warajh Michael Jackson jibqa' f'moħħna fiż-żmenijiet li ġejjin.

## Aħseb ftit jew iddiskuti:

- Ġieli ħassejna ruħna waħedna? X'nistgħu nagħmlu f'mumenti bħal dawn? U Alla, kif jidħol?
- Kif nistgħu ngħinu lil min iħossu waħdu?
- X'inhu li qed imarrad lid-dinja? X'nistgħu nagħmlu biex infejquha u nagħmluha dinja aħjar?



adrian
scicluna

# Tagħrif mill-KDŻ

**Laqgħat ta' formazzjoni għall-Youth Leaders:**

It-Tnejn, 28* ta' Settembru - Il-Mixja taż-żgħażagħ mal-Papa.

It-Tnejn, 5* ta' Novembru - L-istrateġija għall-evanġelizzazzjoni Żgħażagħ 16+ *(Imexxi Fr Carl Sultana - fl-Uffiċċju tal-KDŻ, Sta Venera)*

Is-Sibt, 21* ta' Novembru - It-tagħlim soċjali tal-Knisja, u l-impenn taż-żgħażagħ li qegħdin jagħmlu mixja ta' fidi fis-soċjetà (organizzata flimkien maż-ŻĦN)

* *tfisser data għad trid tkun ikkonfermata*

**Laqgħat ta' Djalogu maż-Żgħażagħ impenjati**

Is-Sibt, 24 ta' Ottubru - Y Standup? Iż-Żgħażagħ dwar il-faqar (Youth in Action Project) - *ara paġna 19.* Nixtiequ nistiednu żgħażagħ impenjati li jixtiequ jinvolvu ruħhom b'mod attiv fuq dan il-progett, f'*working group* minn żgħażagħ minn għaqdiet u gruppi differenti. Ix-xogħol involut hu dak ta' kordinament u PR. L-impenn hu sa Diċembru 2009. Min hu interessat, jew għal aktar informazzjoni, jista' jċempel fuq 21484506 jew jibgħat email fuq info@kdz.org.mt. Inħeggu lil *youth leaders* u operaturi pastorali oħrajn jinkoraġġixxu ż-żgħażagħ biex jieħdu sehem f'dan il-proġett matul dan iż-żmien limitat.

**Mid-djarju tal-KDŻ...**

Il-Ħamis, 8 ta' Ottubru - Laqgħa taż-Żgħażagħ Voluntiera ma' Mons. Arċisqof (Ċelebrazzjoni tal-ħidma mwettqa matul is-sena u matul is-sajf) Dettalji aktar 'il quddiem.

Il-Ġimgħa, 20 ta' Novembru - Meeteen: Ċelebrazzjoni ta' Kristu Re mal-Adolexxenti. Dettalji aktar 'il quddiem.

Il-Ħadd, 29 ta' Novembru - L-Arċisqof jitlob maż-Żgħażagħ (Fis-Santwarju tal-Mellieħa). Bidu tas-sena liturġika flimkien fuq it-tema tal-Papa għall-2010. L-Arċisqof jgħaddi l-messaġġ tiegħu liż-żgħażagħ fit-tielet ittra tiegħu liż-żgħażagħ Maltin.

→

**Dokumenti mill-KDŻ**
Qed noffru *files* li fihom wieħed jista' jsib żewġ dokumenti importanti:
- Linji-gwida għaċ-ċelebrazzjoni ta' quddiesa żagħżugħa u
- Linji-gwida għall-ħidma pastorali fl-ambjent tal-parroċċi. Min jixtieq kopja ta' dawn id-dokumenti jista' jibgħat email fuq info@kdz.org.mt.

**Ktieb tal-Kant IKTUS**
Waslitilna t-tieni ordni tal-ktieb tal-kant IKTUS. Min jixtieq jordna aktar kopji għandu jagħmel dan billi jibgħat email fuq info@kdz.org.mt jew info@awakeningasaph.org.

**Websajt interattiva għall-IKTUS**
Fis-sit elettroniku www.awakeningasaph.org/iktus tistgħu ssibu l-kordi tal-innijiet li jinsabu fuq l-IKTUS, numru ta' melodiji u kif ukoll *powerpoint presentations* tal-innijiet. Nappellaw biex dawk kollha li jistgħu jgħinuna f'dan il-proċess, kemm permezz ta' *feedback* kif ukoll b'xi materjal bħal kordi u melodiji, iċemplulna jew jibagħtulna email fuq info@awakeningasaph.org.

**Animazzjoni tal-mużika**
Għandna kuntatt ma' numru ta' *bands* li huma disposti li jagħtu s-servizz tagħhom waqt quddies, laqgħat u attivitajiet oħra taż-żgħażagħ. Il-lista sħiħa ta' dawn il-*bands* flimkien mal-kuntatti tagħhom jistgħu jinkisbu mis-sit: www.awakeningasaph.org

**Avviżi fis-sit tal-KDŻ**
Tixtieq iġġib avviż, riklam ta' xi attività li se jorganizza l-grupp tiegħek fil-websajt tal-KDŻ, jew f'xi wieħed mill-UPDATES? Jekk iva, ibgħat l-avviż u/ jew il-poster ta' din l-attività fuq info@kdz.org.mt.

**KDŻ UPDATE young people**
Aġġorna ruħek bl-aħħar opportunitajiet ta' divertiment alternattiv, formazzjoni u taħriġ u dak kollu li għandu x'jaqsam mad-dinja taż-żgħażagħ. L-aħħar aġġornamenti jinsabu *online* fis-sit www.kdz.org.mt.

→

## KDŻ UPDATE youth leaders

Servizz għall-*youth leaders* li permezz tiegħu dawk kollha li jaħdmu mal-adolexxenti u żgħażagħ jirċievu *updates* fuq laqgħat, seminars, korsijiet, attivitajiet, servizzi u ħafna affarijiet oħrajn li huma ta' interess għalihom. Biex wieħed jabbona fih irid jibgħat id-dettalji tiegħu fuq info@kdz.org.mt.

## KDŻ UPDATE priests

Servizz għas-saċerdoti li jaħdmu maż-żgħażagħ u li jixtiequ jibqgħu aġġornati fuq id-dinja żagħżugħa u riżorsi tajbin għall-pastorali.

**Għal aktar tagħrif, ikkuntatjaw il-KDŻ kif ġej:**

492/3, St. Joseph High Rd,
Sta Venera SVR 1014
Tel: 21484506
Fax: 21482656
e-mail: infokdz@gmail.com
websajt: http://www.kdz.org.mt

■ ■ ■

---

# KOMPETIZZJONI

Kompetizzjoni bi premju ġentilment mogħti minn Librerija Preca. Wieġbu l-mistoqsijiet u ibagħtu t-tweġibiet tagħkom lill-Editur sas-27 ta' Novembru 2009.

1. X'jisimhom iż-żewġ siltiet mużikali li jidhru fil-paġna mużikali?

______________________________

2. Meta se tittella l-attività Y Standup? f'Malta?

______________________________

3. X'inhi t-tema tal-iskema ta' laqgħa li tidher f'din il-ħarga ta' mill-KDŻ?

______________________________

It-tweġibiet tal-kompetizzjoni tal-ħarġa numru 88 kellhom ikunu kif ġej: (1) 29 (2) Missjoni impossibbli/ il-ħidma missjunarja u (3) The Killers. Ħadd ma qata' din il-kompetizzjoni u għalhekk il-premju mogħti mil-Librerija Preca din id-darba mhux se jingħata.



# Ix-Xiri

*Għan:* i) Biex nifhmu aħjar ir-reklamar, ii) biex inħarsu lejn kif aħna qed niġu mħajra biex nixtru, u iii) biex wieħed jagħraf kif Alla jħares lejn il-konsumiżmu.

*Ikollok bżonn:* Siltiet minn reklami fuq it-televiżjoni (u *video-player* u *projector), cuttings* ta' reklami mill-gazzetti użati, karti u lapsijiet/ *markers* kuluriti (ara 3 u 4), kopji tal-Bibbja.

**1. Kwiżż fuq ir-riklami (20-30 min)**
Ipprepara quiz fuq ir-riklami billi tiġbor siltiet minn reklami varji u tistieden liż-żgħażagħ biex jipprovaw jagħrfu l-prodott li qed jiġi rriklamat mingħajr ma jaraw il-logo. Is-siltiet jistgħu jkunu *video clips* meħuda mill-bidu ta' riklami mit-televiżjoni, jew inkella *cuttings* minn rivisti *(kun ċert li tneħħi l-ismijiet jew logos ta' min qed jirreklama)* jew anki xi *slogans* li soltu jintużaw. Tista' ssib minn fost il-grupp min minnhom l-aktar li jagħti każ ir-riklami!

Staqsihom x'effett qed ikollu r-reklamar fuqhom? Jaħsbu li qegħdin jiġu manipulati? Jaħsbu li r-riklami qegħdin biss biex jagħtu l-informazzjoni jew biex jimmanipulaw lil dak li jkun? Kapaċi jirreżistu għall-pressjoni tar-riklamar, jew qed ikunu verament influwenzati?

Kemm-il riklam qed jaraw f'ġurnata waħda? Fejn qed jiltaqgħu mar-riklamar? Hemm x'imkien fejn ma jsibux riklami? Kif qed iħossuhom dwar dan? Analizzaw ftit xi ġurnata

➔

tipika bħas-Sibt. Kemm qed jużaw ħin biex fix-xiri, jew iħarsu lejn vetrini, jew jaraw ir-riklami fuq it-televiżjoni, fuq rivisti jew fiċ-ċinema eċċ?

Spjegalhom kif fiż-żmien qabel il-Milied, meta n-nies iqattgħu l-aktar ħin fix-xiri, wieħed tajjeb jara dak li l-aktar jinfluwenzana waqt ix-xiri. Aħna lkoll konsumaturi u ftit jew wisq niltaqgħu mar-riklami kull fejn inħarsu - Alla x'jaħseb minn dan kollu?

L-għan tal-laqgħa m'huwiex li nġegħluhom iħossuhom ħatja imma li nagħmluhom konxji ta' min qed jieħu d-deċiżjonijiet min-flokom meta jiġu biex jixtru. Per eżempju, jekk telqu jiġru 'l barra biex jixtru pakkett *Smarties,* tgħid din kienet id-deċiżjoni tagħhom li jixtruhom jew kienet ta' dawk li ġabu r-riklami fuq il-prodott?

## 2. L-ippjanar tar-riklami (15 min)

Aqsam il-grupp tnejn tnejn u agħtu ħarsa mill-qrib lejn xi riklami li rajtu fil-*video clips* jew f'xi rivista. Stedinhom jaraw kif min qed jagħmel ir-riklami qiegħed jipprova jbiegħ il-prodott tiegħu. X'hemm assoċjat mal-prodott li qed iħajruk tixtri? Xi bżonn personali (bħal sigurtà, aċċettazjoni, imħabba jew approvazzjoni) qed jipproġettaw li se jissodisfaw? Skont ir-riklam, x'inhi l-aktar ħaġa importanti fil-ħajja? Xi kwalità ta' ħajja qed jissuġġerixxi? Wara ftit minuti, iż-żgħażagħ jiġu mistiedna jirrapurtaw dak li innotaw lill-kumplament tal-grupp.

## 3. Riklami ta' verità (20 min)

Stieden lill-grupp biex joħolqu riklami li tassew juru l-verità eż. riklam tal-Cola li fih jidhru nies bi snienhom imħassrin minħabba z-zokkor żejjed li fih. Tista' tqassam oġġetti partikolari biex isiru riklami fuqhom. Tista' wkoll tara l-websajt www.adbusters.org biex tieħu xi ideat.

## 4. Ġesù ġieli kien imur jixtri? (10-15 min)

Dawk li jirriklamaw iridu jġegħluna nemmnu li biex inkunu kuntenti u jkollna suċċess għandna bżonn nixtru l-prodotti tagħhom. Jixtieq-una ninkwetaw għax qed nitilifu xi ħaġa jekk ma nixtrux dak li qed joffru. Issa aqraw Ġesù x'għandu x'jgħidilna minn Mt 6, 24-34.

X'inhi r-reazzjoni taż-żgħażagħ għal dan? Tant drajna f'dinja konsumista li tipproġetta l-idea: aħtaf u akkwista kemm tista', li l-kliem ta' Ġesù jinstema xi ħaġa ta' barra minn hawn u simplistiku; għalhekk kunu lesti għal din it-tip ta' reazzjoni.

Iċċara l-fatt li Ġesù mhux qed jgħid li aħna m'hemmx bżonn nieklu, nixorbu u nilbsu - biss qed jgħid li m'hemmx għalfejn ninkwetaw iżżejjed fuq dawn l-affarijiet għax Alla jaf jieħu ħsiebna. Hu qalilna biex l-ewwel infittxu s-saltna ta' Alla u

→

mbagħad, il-kumplament - jew il-bżonnijiet kollha tagħna jingħatawlna wkoll. Għalhekk, l-ewwel prijorità għandha tkun li nservu lil Alla u mhux ix-xiri.

Issa ħarsu mill-ġdid lejn ir-riklami li rajna fit-tieni parti tal-laqgħa u stedinhom jaħsbu *(u jekk iridu jpinġu)* fuq kif kienu jidhru r-riklami li kieku kellhom jagħtu l-ewwel post lis-saltna ta' Alla.

## 5. Iftaħ ix-xirja tiegħek

**(10-15 min)**

Ġib miegħek għal-laqgħa xi ħaġa li xtrajt il-bieraħ fl-istess basket li xtrajtha fiha; tista' tikkonsisti minn ħwejjeġ, xi *trainers* jew xi rigal tal-Milied għal xi ħadd. Waħħal mar-rigal tikketti *(labels)* b'mistoqsijiet bħal: Min għamilni? Min bigħni? Fejn se nispiċċa? Kemm se ndum neżisti? Għandhom bżonni? Jien se nieħu post xi ħadd? Flok xiex se nkun?

Inkoraġġihom biex jaħsbu dwar il-konsegwenzi ta' dak kollu li jixtru - kull ħaġa li nixtru toħloq imbarazz u skart mill-ippakkjar jew minn dak li narmu aħna. F'sens ekonomiku tista' tinvolvi komplikazzjonijiet. Per eżempju, biex wieħed jagħmel *bargain,* jista' jfisser li ħaddieħor qed jiġi sfruttat. Fl-istess ħin, meta nixtru xi ħaġa nkunu qed ngħinu lil tal-ħwienet, lil dawk li jipproduċu, lil dawk li jġorru l-prodotti u lin-negozjanti. Però, danakollu jiġġustifika x-xiri li nagħmlu?

Iż-żgħażagħ kif jiddeċiedu jekk jixtrux ħaġa jew le? Ħafna drabi hu raġunar falz li wieħed jipprova jiddistingwi bejn dak li hu bżonn u dak li rridu. Li kieku kellna nieħdu ħsieb tal-bżonnijiet bażiċi tagħna biss, allura l-ħajja tista' ssir monotona. Min-naħa l-oħra, ħafna drabi nafu nkunu ambizzjużi ħafna u nipprovaw nakkwistaw kollox. Għalhekk, hemm bżonn tal-bilanċ.

## 6. Min irid isir miljunarju

**(15-20 min)**

Bil-għajnuna ta' ktieb ta' tagħrif ġenerali, għamel il-verżjoni tiegħek tal-logħba popolari *Who wants to be a millionaire?* Jekk xi membru tal-grupp jaf jimita lil Chris Tarrant (il-preżentatur oriġinali) tant aħjar. Ilgħab billi tuża l-"istess" somom bħal dawk użati fuq it-televiżjoni u ippretendi li l-kontestanti jistgħu jirbħu l-eluf. Meta taslu għall-għoti tal-premijiet, agħtihom kaxxi tal-*hundreds and thousands,* dekorazzjonijiet kuluriti forma ta' boċċi żgħar u li soltu jitpoġġew fuq il-kejkijiet.

Il-popolarità ta' dan il-kwizz tiddependi fuq il-possibiltà li l-kontestanti jirbħu eluf kbar. Żgur li l-fatt li għandek "miljun ewro" quddiemek ma jgħinx biex tħossok sodisfatt b'dak li għandek għax it-tendenza hi li tara akbar milli għandek.Għalhekk il-kontestanti jistgħu jħossuhom diżappuntanti li ma rebħux il-miljun minflok ma jikkuntentaw rwieħhom bis-somma ngħidu aħna ta' EUR8000.

Ir-riklamar jaħdem bl-istess mod - dejjem ixejjer quddiemna xi ħaġa ġdida u aħjar minn dik ta' qabel bit-tama li se tagħmilna

➔

aktar ferħanin u ġġibilna aktar suċċess. Nispiċċaw diżapuntati b'dak li għandna u nixtiequ dak li għandu ħaddieħor. Alla għandu messaġġ ċar għal dan -
"La tixtiqx affarjiet tal-oħrajn".

## 7. Ħalli ngħidlek storja

**(15-20 min)**

Stieden liż-żgħażagħ biex joqogħdu komdi u jagħlqu għajnejhom waqt li tgħidilhom din l-istorja.

Wieħed Ewropew mar għal vaganza fl-Indja u darba fost l-oħrajn kien miexi max-xatt ta' bajja għal ħabta ta' nofs in-nhar. Lemaħ sajjied qed jitlajja’ fix-xemx, jistrieħ. Mar staqsa lis-sajjied x'kien qiegħed jagħmel, "Għaliex m'intix tistad?" Is-sajjied tbissem u wieġbu li dakinhar kien diġà ħareġ jistad u kien qabad biżżejjed ħut għalih u għall-familja. Għalhekk, issa kien qed biss jieħu gost bix-xemx.

L-Ewropew ma setax jifhem din l-attitudini. "Imma" qallu,"Li kieku issa kellek terġa' toħroġ tistad, kont terġa’ taqbad aktar ħut u b'hekk ikollok biżżejjed biex tbiegħ. Bil-flus imbagħad tista' tixtri dgħajsa oħra u saħansitra tkun tista' tħaddem lil xi ħadd miegħek. B'żewġ dgħajjes tkun tista' taqbad tunnellati ta' ħut u terġa’ tinvesti f'aktar dgħajjes sakemm tasal li jkollok flotta. Tista' tibni impjant fejn il-ħut tiegħek jiġi ppakkjat u b'hekk tista' tbiegħu dirett is-*supermarkets.* Tista' tagħmel tant flus li tkun tista' tirtira kmieni, fiż-żmien ħmistax-il sena u l-bqija ta' ħajtek tgħaddiha fil-mistrieħ waqt li tgawdi x-xemx."

Is-sajjied tbissem, għalaq għajnejh u qallu... "Hekk kif qed nagħmel issa?"

Issa stieden li xi ħadd mill-grupp biex jaqra dawn il-versi:

Eż 20, 17: Fil 4, 11 - 13; Lhud 13, 5; 1 Tim 6, 6 - 10.

Fl-aħħar itolbu flimkien biex Alla jgħinkom tagħrfu kif l-aħjar tonfqu l-flus u biex issibu l-milja tagħkom infuskom mhux f'dak li għandkom jew dak li tilbsu imma biex minflok issibuha f'Alla nniffsu.

## 8. L-Isfida

Organizzazzjoni Amerikana li taħdem favur ix-xiri bis-sens kienu introduċew ġurnata waħda partikolari kull sena li huma sejħulha 'Buy Nothing Day'. Għalhekk tista' tħajjar lill-grupp jilqgħu l-isfida ta' ġurnata bħal din b'mod speċjail fi żmien ta' qabel il-Milied jew żmien is-*sales*. Inkoraġġihom biex minflok ma jużaw il-ħin biex imorru jixtru, jużawh biex jiżbarazzaw u jnaddfu l-kamra tagħhom jew jilagħbu ma' ħuthom iżgħar bniet jew subien! Tistgħu wkoll wara xi żmien, tiddiskutu jekk sabux dan l-eżerċizju faċli jew diffiċli.

*(Miktuba minn Jenny Baker u maqluba għal Malti mill-ġurnal Youthwork)*

■ ■ ■

# Y Standup?

Dan il-proġett għandu l-għan li joħloq spazju għaż-żgħażagħ fejn jistgħu jesprimu l-vuċi tagħhom dwar il-faqar mal-politiċi, awtoritajiet ekkleżjali u organizzazzjonijiet mhux governattivi oħrajn. Y Standup? jilħaq dan l-iskop billi jgħin liż-żgħażagħ biex:

(a) jirriflettu fuq il-għaliex għandhom ikunu preżenti f'kampanji kontra l-faqar bħalma huma 'Standups' li jsiru madwar is-17 ta' Ottubru, il-gurnata internazzjonali tal-faqar, u

(b) iqumu u jsemmgħu leħinhom dwar il-faqar.

Għalhekk, nhar l-24 ta' Ottubru, iż-żgħażagħ huma mistiedna jingħaqdu flimkien f'attività biex jiddjalogaw mal-awtoritajiet u jipproponu strateġiji li jwasslu għall-ġustizzja soċjali u l-inklużjoni ta' dawk il-membri fis-soċjetà tagħna esklużi minħabba sitwazzjoni ta' faqar. B'dan il-mod, huma jkunu jistgħu jinfluwenzaw il-politika u d-deċiżjonijiet li jittieħdu f'dawn l-ambjenti. Matul din l-okkażjoni se ssir 'Standup' kontra l-faqar bħala l-konklużjoni tal-attivitajiet li jsiru f'Malta fl-okkażjoni tal-Jum Internazzjonali tal-Faqar.

Bħala preparazzjoni għal din l-attività nixtiequ nistiednu liż-żgħażagħ biex, fil-gruppi u l-għaqdiet tagħhom, jinvolvu ruħhom f'diskussjonijiet dwar il-faqar u strateġiji fuq livell lokali, nazzjonali, Ewropew u globali li jistgħu jkunu implimentati biex jitnaqqas il-faqar. Ir-rapporti ta' dawn id-diskussjonijiet jistgħu jintbagħtu lill-KDŻ fuq l-email info@kdz.org.mt. Il-KDŻ qed tipprovdi wkoll diversi riżorsi li jistgħu jkunu mixtarra waqt dawn id-diskussjonijiet. Min jixtieq xi *links*-riżorsi dwar il-proġett, jista' jibgħat email jew iċempel fuq 21484506 biex ngħaddulu r-riżorsi. Xi punti li jistgħu jiddiskutu huma:

"Iż-żgħażagħ jistgħu jegħlbu l-faqar u l-esklużjoni soċjali. Kif? Għaliex?

"Ir-rwol tal-Knisja biex ikun megħlub il-faqar fuq livell ta' parroċċi u fuq livell nazzjonali.

"Ir-rwol tal-Istat biex ikun megħlub il-faqar fuq livell lokali u fuq livell nazzjonali.

"Ir-rwol tal-għaqdiet mhux governattivi f'dan l-ambjent.

"MDGs (Millenium Development Goals) - Fiex wasalna? Se nilħqu l-miri stabbiliti sal-2015?

"L-impatt tal-politika tal-Unjoni Ewropea fuq il-faqar lokali u nazzjonali.

Rapport dwar dawn id-dokumenti migbura mill-għaqdiet u gruppi taż-żgħażagħ ikun ippreżentat nhar l-24 ta' Ottubru. Permezz ta' dan il-proġett iż-żgħażagħ se jkunu qed jieħdu impenn fis-soċjetà tagħna, biex ikunu huma d-differenza fil-komunitajiet tagħna għal realtà soċjali aktar ġusta, inklużiva u sensittiva.

Il-proġett Y Standup? qed isir mill-KDŻ kofinanzjat mill-Agenzija tal-Programmi għaż-Żgħażagħ tal-Unjoni Ewropea permezz tal-Youth in Action Programme. Dan il-proġett qed isir ukoll bl-għajnuna ta' CARITAS u SKOP.

# Kommunikazzjoni mhux verbali (6)

F'din il-ħarġa għandna l-aħħar żewġ eżerċizzi fuq is-suġġett tal-KMV u it-tnejn li huma għandhom għanijiet komuni li:
- joħorġu fil-berah ċerti fenomeni li jseħħu fi grupp u li soltu ma jkunux espressi b'mod verbali, u
- jippermettu l-espressjoni ta' ħsus personali bejn il-membri (bħal ostakli minn xi membri, kwestjoni-jiet interni fuq min għandu jmexxi, klikek, attitudnijiet personali rig-ward il-mexxej tal-grupp, l-għaqda tal-membri fi ħdan il-grupp eċċ).

L-eżerċizzji għandhom struttura komuni kif ġej:

**Numru tal-parteċipanti**: Bejn 8 u 12-il membru

**Ħin ta' l-eżerċizzju:** Bejn siegħa u sagħtejn

**Ikollok bżonn:** Kamra kbira biżżejjed għal membri biex ikunu jistgħu jiċċaqalqu liberament.

**Il-qofol ta' kull eżerċizzju:** Wara li jsir l-eżerċizzju, il-parteċipanti jistgħu jixxerjaw bejniethom kif qed iħossuhom bejniethom u mal-kumplament tal-grupp bħala riżultat tal-eżerċizzju. Il-*facilitator* jista' wkoll juża l-eżerċizzju biex iniedi evalwazzjoni ta' sitwaz-zjonijiet li qed iseħħu fil-grupp (bħal rwoli partikolari, relaz-zjonijiet bejn il-membri, ċerti perċezzjonijiet differenti bejn il-membri eċċ)

## Eżerċizzju Numru 12: Statwi umani

Il-parteċipanti jiġu mistiedna jesprimu b'mod mhux verbali kif qed iħossuhom fil-grupp. Dan jagħmluh billi jieħdu qagħda partikolari (eż. bil-qiegħda, bil-wieqfa, mimduda, li turi tensjoni jew kalma eċċ), jieħdu pożizzjoni vis-à-vis il-kumplament tal-grupp (eż. fiċ-ċentru, fil-perferija jew barra mill-grupp) u b'kemm joqogħdu qrib il-membri l-oħra tal-grupp (eż. uħud joqogħdu viċin sħabhom, uħud aktar il-bogħod waqt li wħud ikunu eqreb individwu minn ieħor eċċ).

Barra dan, il-membri jistgħu jimxu madwar il-kamra u jibdlu l-pożiżżjonijiet tagħhom waqt li l-eżerċizzju jkun qed isir. Per eżempju, jekk parteċipant isib ruħu viċin grupp żgħir ta' membri li ma jħossux komdu magħhom, jista' jimxi il-bogħod u jersaq qrib ta' membri oħra tal-grupp.

L-eżerċizzju jintemm meta l-grupp ikun jidher li ddeċieda fuq il-pożizzjoni finali li se jieħdu l-membri. Dawn imbagħad jintalbu jispjegaw dak li għamlu u għaliex. Jistgħu anki jixxerjaw fuq kif il-pożizzjonijiet li ħadu jirreflettu kif qed iħossuhom b'mod ġenerali fil-grupp u/jew kif qed iħossuhom vis-à-vis xi membri partikolari tal-grupp.

Tajjeb ninnotaw li dan l-eżerċizzju hu intenzjonat għal gruppi li diġà laħqu stat avanzat ta' żvilupp u fejn il-membri huma lesti li jixxerjaw dak li jħossu ma' sħabhom fil-grupp. Matulu jistgħu jinħolqu sitwazzjonijiet emozzjonali li jitfgħu dawl fuq individwi u fuq il-grupp stess. Għalhekk il-*facilitator* irid ikun ippreparat biex jimmaniġja

→



sitwazzjonijiet delikati li jistgħu jinqalu. Dan l-eżerċizzju jista' jgħin biex wieħed jevalwa dak li qed jiġri fil-grupp u bejn il-membri.

**Eżerċizzju Numru 13: Skultura tal-grupp**

Parteċipant mill-grupp jiġi mistieden biex "jagħmel" statwa tal-grupp li tesprimi dak li hu jew hi qed tħoss dwar il-grupp f'dak il-mument. Ikun liberu li jpoġġi lil persuni oħra kif jixtieq hu *(bil-ġesti, qagħda jew pożizzjoni li jesprimu l-grupp)* waqt li dawn li l-persuni jridu jibqgħu passivi u jħallu lil l-"iskultur" iċaqlaqhom fis-silenzju.

Meta l-persuni kollha jiġu mdaħħla fl-iskultura, l-"iskultur" jispjega is-sinjifikat tal-pożizzjoni u qagħda li jkun ta lil kull membru fil-grupp. Dawn imbagħad jistgħu jirreaġixxu biex jiċċaraw il-*feedback* li ngħataw mill-"iskultur" u biex jikkomparawh mal-perċezzjonijiet tagħhom infushom fil-grupp.

Bl-istess mod, xi voluntiera oħra jistgħu jiġu mistiedna biex joħolqu l-iskultura "tagħhom" ta' kif huma jaraw il-grupp. Bħal qabel, l-eżerċizzju jiġi pproċessat biex joħorġu l-perċezzjonijiet ta' membri oħra dwarhom infushom u dwar il-grupp.

Bħal fl-eżerċizzju 12, f'dan l-eżerċizzju trid tintuża l-prudenza. Il-membri jridu jkunu jafu jaċċettaw u jafdaw fil-*feedback* ta' xulxin. Dan l-eżerċizzju jista' jkun ta' benefiċċju kbir biex tinbeda evalwazzjoni sħiħa ta' sitwazzjonijiet fil-grupp.

*Fil-ħarġa li jmiss, li se tkun l-aħħar waħda, ser nintroduċu is-suġġett ta' l-empatija.*

*Dan it-tagħrif hu meħud mill-ktieb "Developing Leadership Skills" (Media Centre Publications, 1992) ta' Fr Alfred Darmanin s.j., Clinical Psychologist u qed inġibuh bil-kortesija ta' l-awtur stess. Min jixtieq jidħol aktar fis-suġġett, l-aħjar li jirreferi għal dan il-ktieb.*



fr alfred darmanin

DRAMA PAGE

# Saqajn tat-tafal

*Fuq il-palk, ikun hemm mejda b'żewġ tazzi "inbid", gazzetta u żewġ siġġijiet li fuqhom Paul u Tonio jkunu qegħdin bilqegħda f'"każin tar-raħal". Il-bqija tal-"palk" ikun vojt.*

**Tonio:** Ma nistax nifhem kif seta' qatt jagħmlilna ħaġa bħal din!
**Paul:** Lanqas jien tafx.
**Tonio:** Fis-sens ... avdajnieh ... emminna fih! Qatt ma kont nimmaġina li kien qatt jasal biex ... *(b'ton kważi kommoss)* biex jitlaq.
**Paul:** Lanqas jien.
**Tonio:** Tassew għandu saqajh tat-tafal!
**Paul:** Vera!… *(wara pawsa żgħira fejn jidher xi ftit ħosbien).* Mela ma tantx jista' joħroġ.
**Tonio:** *(Jinstema' sorpriż)* X'inhu?
**Paul:** Fis-sens, li ma jistax joħroġ fix-xita per eżempju. Ara x'ċaflisa jkollu fuq it-tapit hekk kif jirritorna lejn id-dar!
**Tonio:** *(waqt li jidher konfuż)* Fuqiex id-dinja qed tgħid?
**Paul:** Fuq saqajh! Taf int, il-fatt li magħmulin mit-tafal. Kont naħseb b'din it-teknoloġija moderna u avvanzata kollha kienu jaslu biex jagħmlu ħaġa aħjar minn hekk. Imqar setgħu għamluhomlu tal-plastik flok tat-tafal!
**Tonio:** *(Ma jistax jemmen dak li qed jisma')* Ma nistax nemmen! Int bis-serjetà?
**Paul:** Nimmaġina li jrid jilbes xi forma ta' *boots* il-ħin kollu. Taf int, biex ma jħallix l-ilma jaqa' fuq saqajh. U lanqas sandli ma jkun jista' jilbes fis-sajf, għax jinxtwewlu saqajh u jibbiesulu. Imbagħad flok saqajn tat-tafal ikollu saqajn tal-fuħħar!
**Tonio:** Isma', din tat-tafal hija biss idjoma, fhimt? Hu m'għandux saqajn tat-tafal fil-veru sens tal-kelma. Li rrid ngħid hi li hu mhux l-eroj li kulħadd kien jaħsbu.
**Paul:** Eh, almenu! Kont qed ngħid x'diffikultà jkollu kieku!
**Tonio:** *(B'ton irrassenjat)* Dak li hemm stupidu f'eroj! Qatt ma jkun daqsekk erojku daqskemm taħsbu!
**Paul:** Hekk hu. Taf int, meta kont iżgħar, l-eroj tiegħi kien missieri. Kont nammirah f'dak kollu li kien jagħmel. Ngħiduha kif inhi, kont għadni tifel ċkejken, qed tifhem, imma kont nirrispettah ukoll. Imma taf int, skoprejt li ma kienx l-eroj li dejjem kont naħsbu. Kien biss ħafna snin wara li skoprejt li kellu sigriet ikrah li żammu mistur ... ħaġa li qatt ma kont nobsor!
**Tonio:** *(B'ton ta' wieħed qed jistenna xi ħaġa kbira)* Li kienet?
**Paul:** Kien iżżewweġ lil ommi.
**Tonio:** *(B'ton sarkastiku)* U ejja ... bis-serjetà?
**Paul:** Ħeqq le, dażgur li skantani! Taf int, ma taħsibx li jrid ikollok skorfina nieqsa biex tagħmel ħaġa bħal din?
**Tonio:** *(wara pawsa qasira)* Ma nistax nemmen li se jitlaqna!
**Paul:** Diġà għidtli!
**Tonio:** *(B'ton ta' dispjaċir)* Naf, imma x'se naqbdu nagħmlu? Ħajti sfat fix-xejn.

→

Kien ħa jmexxina lejn l-art imwegħda. Dak li kien ħażin kien se jagħmlu tajjeb. Kien se jmexxi l-ġlieda kontra l-inġustizzja. Kollox kien se jirranġa. Imma issa ... abbandunana!

**Paul:** Ma taħsibx li qed tesaġera xi ftit hux? Wara kollox mhux futboler biss kien *(jenfasizza fuq il-'biss').* Kulma ġara hu li offrewlu opportunità aħjar milli kellu.

**Tonio:** Kif? Futboler biss? Futboler biss? *(Jenfasizza fuq il-'biss').* Kien il-prim fost l-iprem skorers. Kien se jsalva l-klabb. U issa, mexa lejn ... lejn ... lanqas għandi il-*guts* inlissen il-kelma.

**Paul:** Lejn ir-'Rowdy Footballers'.

**Tonio:** *(B'ton ta' rabja donnu qabżitlu ċ-ċinga)*... Lejn l-aktar għedewwa li nistmerru! Daqshekk! Jien mhu se navda lil ħadd iżjed. Lanqas ma jien se nemmen f'ebda eroj. Kollha l-istess!

**Paul:** Isma', dawk kollha umani xbin. Forsi, ħażin li tadurahom ...

**Tonio:** *(Għadu irrabbjat)* Kollha l-istess! Iħalluk lampa stampa!

*Tonio issa jerfa' l-gazzetta u jibda jaqra minnha.*

**Paul:** Uwija, forsi għandek raġun. Forsi irridu nidraw niddependu fuqna nfusna flok ma nibbekjaw fuq oħrajn.

*Tonio issa jaqla' għajnejh mill-gazzetta bil-mod. Fuq wiċċu tfeġġ tbissima ta' ferħ u ta' stagħġib liema bħalha u għajnejh jixegħlu.*

**Paul:** Aħna dejjem niddolizzaw l-aħjar wieħed tat-tim. Ma tistax tafda lill-eroj. Mhux hekk Ton? Ton?

**Tonio:** *(B'ton ta' entużjażmu).*Paul, aqta' min daħal magħna? Aqta' min? Alan Shearer!

**Paul:** *(f'daqqa waħda b'entużjażmu daqs sieħbu)* Le! Bis-serjetà? Qas nista' nemmen! Alan Shearer? Ħallejtni issummat xbin! bomba! *(Pawsa żgħira u jidher donnu xi ftit ħosbien)* Eh, dan min jaħbat?

**Tonio:** Huwa l-prim fost l-iprem skorers! Kif ma tafx? Żgur se jsalva l-klabb! Se jwassalna lejn l-art imwegħda.

**Paul:** Imma int kont għidt ...

**Tonio:** Paul - dik ħaġa totalment differenti, storja oħra. Shearer huwa eroj ta' veru.

*Tonio iqum u jibda miexi 'l barra mill-każin.*

**Tonio:** *(waqt li jkanta hu u sejjer l'barra)* Ole, ole, ole, ole…. u Alan se jsalvana lkoll! Ole, ole, ole, ole…

**Paul:** *(Lilu nnifsu)* Tgħidlix li se nerġgħu nibdew bl-istess storja mill-bidu?

*Paul ixengel tnejn rasu u joħroġ hu ukoll mill-każin.*

## Għad-diskussjoni wara r-reċta:

1. Huwa tajjeb li jkollna eroj? Min huma n-nies li l-aktar tammira?
2. X'iwassalna biex 'naduraw' lil-eroj tagħna?
3. "Huma biss umani". Taħsbu li aħna qed nistennew wisq mill-eroj tagħna?
4. Aqraw Atti 14, 8 - 20. X'tgħidilna l-istorja dwar l-istima tagħna lejn l-eroj?

*(Miktuba minn Nick Page u addattata u maqluba għal Malti mill-magażin Youthwork)*




# Viżjoni għall-KDŻ (4)

F'din ir-raba u l-aħħar parti tad-dokument dwar l-viżjoni għall-KDŻ, se naraw xi jfissru rwoli oħra msemmija fil-viżjoni, il-Pjan Pastorali Armoniku kif ukoll proposta temporanja għal kif jista' jkun hemm mixja formattiva uċelebrattiva djoċesana għaż-żgħażagħ.

## 3.7 Kordinaturi tal-erba' ambjenti

Apparti kordinaturi tal-erba' aspetti tal-ħidma pastorali, tajjeb ukoll li jkun hemm kordinaturi għall-erba' ambjenti li l-KDŻ trid tħares. Dawn l-ambjenti huma:

- l-iskejjel, il-kulleġġi u l-universitajiet
- il-movimenti ekkleżjali
- il-parroċċi
- l-Ordnijiet reliġjużi

Idealment dawn il-kordinaturi għandhom jiġu mill-ambjenti li huma jkunu qegħdin jikkordinaw.

### 3.7.1 Schools Coordinator

Il-kordinatur tal-ħidma pastorali fl-iskejjel, kulleġġi u universitajiet, li jkun jifforma parti mill-kunsill tal-KDŻ, għandu l-irwol li:

- Jaħdem biex jiġu fformulati linji-gwida għall-*pastoral teams* fl-ambjent ta' l-iskejjel.
- Jara li fl-iskejjel, kulleġġi u l-universitajiet hemm *pastoral*

→

*teams* li qiegħdin tassew jaħdmu fuq il-pastorali maż-żgħażagħ fl-iskejjel mibnija fuq il-linji-gwida msemmija hawn fuq.
- Għandu jkollu kuntatt tajjeb mas-segretarjat tal-katekeżi u dak tal-edukazzjoni u jekk hu possibbli jirrappreżenta lill-KDŻ f'dawn l-entitajiet.
- Jekk hu possibbli, għandu jkollu esperjenza fl-ambjent tal-iskejjel.
- Għandu jkun dak il-persuna li jżomm kuntatt mal-għalliema tar-Reliġjon, PSD u *guidance teachers.*
- Għandu jara li kull *pastoral team* jindika rappreżentant u li kull tant żmien isejjaħ laqgħa għar-rappreżentanti ta' dawn il-*pastoral teams* biex isir *sharing* u tingħata indikazzjoni fuq dak li qed jiġri.

Għandu jżomm kuntatt regolari mal-Kordinatur tal-ħidma pastorali fl-iskejjel.

L-għan prinċipali li l-i*schools coordinator* irid jaħdem għalih hu li permezz tal-istruttura li jibni u li hi magħmula minn rappreżentanti tal-*pastoral teams* fl-iskejjel, kulleġġi u università jibni il-parti tal-pjan pastorali armoniku li tindika kif se ssir il-ħidma pastorali maż-żgħażagħ fl-iskejjel.

### 3.7.2 Ecclesial Movements Coordinator

Il-kordinatur tal-movimenti ekkleżjali, li hu parti mill-kunsill tal-KDŻ għandu r-rwol li:
- Jara li kull moviment ekkleżjali jaħtar rappreżentant tiegħu għall-Kummissjoni.
- Jistabilixxi u jibqa' jlaqqa' forum tas-sezzjoni żgħażagħ tal-movimenti li għandu jkun magħmul mid-diversi rappreżentanti żgħażagħ tal-movimenti.
- Jara kif il-ħidma ta' dawn il-movimenti tista' tiġi kordinata flimkien l-aktar biex ma jkunx hemm irduppjar ta' xogħol u biex issir strategija ta' kif jista' jsir l-*outreach* permezz ta' dawn il-movimenti.
- Ikollu spirtu kbir ta' komunjoni fejn ikun ukoll kapaċi jnissel f'qalb dawk preżenti is-sens ta' sbuħija għall-ħidma li ssir flimkien.
- Ikollu spirtu ta' apprezzament u rispett għad-diversi kariżmi li hemm fil-Knisja.

L-għan prinċipali li l-*ecclesial movements coordinator* irid jaħdem għalih hu li fil-laqgħat tal-forum jirsisti biex il-ħidma kbira u vasta li tkun qed issir mill-movimenti ekkleżjali - anki minħabba li dawn huma movimenti kbar - tiġi aktar kordinata tant li flimkien joħorġu dik il-parti mill-pjan pastorali armoniku li tindika kif dawn il-movimenti flimkien se jagħmlu l-ħidma pastorali maż-żgħażagħ.

L-involviment tiegħu fil-kunsill tal-KDŻ għandu jgħin biex fil-bini tal-pjan pastorali imexxi lir-rappreżentanti fil-forum biex jibnu dan il-pjan pastorali fuq il-prioritajiet li jkun indika l-kunsill tal-KDŻ.

→

### 3.7.3 Parish Coordinator

Il-kordinatur tal-ħidma pastorali li ssir maż-żgħażagħ fil-parroċċi, u li hu parti mill-kunsill tal-KDŻ għandu r-rwol li:

- Ikun jaf ir-realtà tal-parroċċi kif inhi.
- Ikun midħla tad-diversi ċentri taż-żgħażagħ, għaqdiet u gruppi li hemm fil-parroċċi.
- Jara li kull ċentru taż-żgħażagħ/ għaqda jkollha r-rappreżentant tagħha fil-KDŻ.
- Jieħu ħsieb li kultant żmien dawn ir-rappreżentanti jiltaqgħu flimkien.
- Jara x'diffikultajiet u ħtigijiet hemm f'dawn iċ-ċentri, għaqdiet u gruppi - kemm fejn tidħol il-formazzjoni tal-operaturi pastorali u kemm fis-servizzi li qed jingħataw liż-żgħażagħ.
- Jara li fil-parroċċi qed titwaqqaf il-KPAŻ skont il-linji-gwida li jinħarġu mill-KDŻ u jħares il-ħidma li qed issir minnhom.

Il-*Parish Coordinator* irid jaħdem fil-qrib ma' dawk li d-dokument tas-Sinodu jsejħilhom *youth ministers.* Fid-dokument insibu li il-*youth minister* għandu "jkun responsabbli li jgħin lill-membri tal-komunitajiet parrokkjali fi ħdan id-distrett jorganizzaw il-ħidma pastorali maż-żgħażagħ u taż-żgħażagħ, u jwaqqaf *core groups* ta' *youth leaders* responsabbli mit-tmexxija tal-pastorali" (AŻ 22)

L-għan prinċipali li l-*parish coordinator* irid jaħdem għalih hu li permezz tal-laqgħat li jsiru bejn ir-rappreżentanti tal-għaqdiet tiġi fformulata dik il-parti tal-pjan pastorali armoniku li tindika kif se ssir il-ħidma pastorali maż-żgħażagħ fil-parroċċi.

### 3.7.4 Religious Orders Coordinator

Il-kordinatur tal-ħidma pastorali maż-żgħażagħ li ssir mill-ordnijiet reliġjużi, li tajjeb li jkun hu stess reliġjuż u li għandu jkun parti mill-kunsill tal-KDŻ, għandu r-rwol li:

- Jara s-sitwazzjoni tad-djoċesi kif inhi fejn jidħlu gruppi mmexxija mill-ordnijiet reliġjużi u l-ħidma li qed issir minnhom.
- Jara li kull ordni reliġjuzi jaħtar *youth minister* biex jikkordina l-ħidma pastorali li tkun qed issir fl-ordni tiegħu/tagħha.
- Għandu jlaqqa' lil dawn ir-*religious youth minister*s biex jitkellmu flimkien anki fuq pastorali vokazzjonali fost affarijiet oħrajn.
- Għandu jkollu kuntatt tajjeb mal-KIV (Kunsill Interdjoċesan Vokazzjonijiet).

Ir-*religious movements coordinator* għandu jaħdem ukoll fil-qrib tal-i*schools coordinator* u l-*parish coordinators* peress li f'ċerti każi l-ħidma tar-reliġjużi tinfirex ukoll fl-iskejjel u fil-parroċċi. Tajjeb ukoll li ma tiġix ittraskurata il-pastorali vokazzjonali.

→

Il-laqgħat li jmexxi ir-*religious orders coordinator* għandhom iwasslu għal dik il-parti tal-pjan pastorali armoniku li titkellem fuq il-pastorali magħmula mir-reliġjużi. Tajjeb ukoll li wieħed jagħti ċerta importanza lill-pastorali vokazzjonali.

### 3.7.5 Outreach Coordinator

L-*Outreach coordinator,* li wkoll għandu jkun fl-kunsill tal-KDŻ, għandu r-rwol li dejjem jissensibilizza lill-membri kollha tal-Kunsill biex fil-pjanifikazzjoni li ssir qatt ma jintesew dawk iż-żgħażagħ hekk imsejħa "tal-periferija". Għalhekk tajjeb li l-*outreach coordinator:*

- Ikun persuna b'*background* ta' *social work/ youth work* b'sensitività partikolari lejn żgħażagħ tal-periferija u anki b'ċertu għarfien tat-tagħlim soċjali tal-Knisja.
- Jagħraf b'liema mod jista' jsir *outreach* - kemm fuq livell djoċesan u kemm fuq livell ta' skejjel, gruppi, għaqdiet eċċ u jagħti dan l-*input* fil-laqgħat tal-Kunsill.
- Jagħraf jibni djalogu mad-diversi entitajiet tal-kultura, sports, ambjent u divertiment u fejn jara persuni minn dawn ir-realtajiet u li huma interessati wkoll li jwasslu valuri b'saħħithom liż-żgħażagħ għandu jaħdem magħhom biex jara kif dan jista' jitwettaq.
- Jara kif f'ċertu attivitajiet kordinati mill-KDŻ dejjem ikun qed jintlaħqu l-bżonnijiet taż-żagħżugħ sħiħ u li għalhekk ikun hemm l-elementi tal-isports, divertiment u kultura involuti.
- Jara kif f'ċerti attivitajiet "sekulari" jista' wkoll ikun hemm l-*input* ta' ċertu valuri Insara.
- Safejn hu possibbli, jagħmel ukoll laqgħat ma' persuni li ġejjin mill-ambjenti tal-isport, divertiment u kultura biex flimkien jaraw kif il-Knisja tista' twassal lil Ġesù liż-żgħażagħ f'dawn l-ambjenti.

L-*outreach coordinator* għandu jasal biex fil-pjan pastorali armoniku jdaħħal id-dimensjoni ta' *outreach* - kemm fuq livell djoċesan eż. permezz ta' kampanji u kemm fuq livelli oħrajn. Għandu jara li fil-pjan pastorali hemm biżżejjed attenzjoni lejn dawk iż-żgħażagħ li huma 'l bogħod mill-Knisja u forsi anki lejn dawk iż-żgħażagħ li jipprattikaw ir-religjon b'mod kulturali biss.

### 3.8 Pjan Pastorali Armoniku

Darba kull sentejn, il-KDŻ għandha tippreżenta il-pjan tagħha - li għandu jkun "pjan armoniku". B'dan nifhmu li l-pjan tal-KDŻ m'għandux jibqa' jsir kif qed isir issa i.e. iċċentrat fuq il-ħidma li se tagħmel il-KDŻ - anki jekk din issir mal-għaqdiet, movimenti, parroċċi u skejjel -

➔

iżda għandu jkun pjan li jġib flimkien u jikkordina il-ħidma sħiħa li tkun qed issir fid-djoċesi f'dak li għandu x'jaqsam maż-żgħażagħ. Għandu jkun pjan li permezz tiegħu ikun ċar li fid-djoċesi hemm direzzjoni komuni fejn tidħol il-pastorali mal-adolexxenti u ż-żgħażagħ u li wkoll qed isir xogħol fuq ċertu prioritajiet komuni.

Dan il-pjan jista' wkoll isir b'mod ħafna aktar professjonali jekk ikollu il-*backing* ta' riċerka djoċesana fuq l-adolexxenti u ż-żgħażagħ. B'riċerka simili, jista' jkun hemm għaqda sabiħa bejn ir-realtà tal-fatti kif inhuma u dak li jkunu qed juru s-sinjali taż-żmenijiet. Il-pjan pastorali armoniku jista' jkun imqassam xi ħaġa hekk:

1. Introduzzjoni + Prioritajiet tal-KDŻ għas-sentejn li jkunu ġejjin (din il-parti m'għandux ikollha wisq dettalji prattiċi daqskemm għandha twassal il-viżjoni)
2. Proġetti fuq il-Ħajja Komunitarja
3. Proġetti fuq il-Liturġija
4. Proġetti fuq id-Djakonija
5. Proġetti fuq ix-Xandir tal-Kelma
6. Proġetti fl-Iskejjel
7. Proġetti fil-Parroċċi
8. Proġetti fil-Movimenti
9. Proġetti fl-Ordnijiet Reliġjużi
10. Proġetti ta' Outreach

Nemmnu li wara li dan l-ezerċizzju ta' koordinament jibda jsir, jista' wkoll isir pass ieħor - li dawn il-kategoriji ma jibqgħux 'daqshekk definiti' eż. Il-ħidma fl-erba' ambjenti tiġi amalgamata ma' dik tal-erba' aspetti fil-pjan pastorali armoniku peress li hemm xi affarijiet komuni eċċ.

Għalhekk, fil-qosor, il-ħidma fuq il-pjan pastorali għandu jkollha dan il-proċess:

(i) Dak li jkun qed isir fil-*grassroots* kemm jekk huma skejjel, għaqdiet, movimenti eċċ. għandu jasal fil-laqgħa li ssir bejn il-kordinatur u r-rappreżentanti ta' dawn l-entitajiet imsemmija permezz ta' dawn ir-rappreżentanti nfushom.

(ii) Minn dak li jkun qed isir jew li hemm propost li jsir għandhom jintgħażlu dawk il-partijiet li l-kordinatur flimkien magħhom jagħraf li huma konformi mal-prioritajiet magħżula mill-Kummissjoni u li dejjem għandhom ikunu mibnija fuq id-dokument tas-Sinodu, fuq ir-riċerka u fuq is-sinjali taż-żmenijiet.

(iii) Dawn il-prioritajiet għandhom imbagħad jittieħdu fil-laqgħa tal-kunsill fejn jigu amalgamati flimkien.

(iv) Imbagħad isir id-*draft* tal-pjan pastorali armoniku.

Kemm fil-bidu tal-proċess imsemmi hawn fuq u kemm meta dan jasal fl-aħħar fażijiet tiegħu,

→

jiġifieri kull sentejn, għandha ssir sejħa ġenerali għal assemblea għal dawk kollha li huma involuti fil-ħidma mal-adolexxenti u ż-żgħażagħ. F'din l-assemblea għandu jiġi ppreżentat il-pjan pastorali armoniku, issir preżentazzjoni fuqu u mbagħad jintlaqa' *feedback* minn dawk preżenti. Wara li jsiru l-korrezzjonijiet meħtieġa, għandu jittieħed għand l-Arċisqof biex jigi approvat fi żmien tajjeb li jiġi wkoll imdaħħal fil-pjan pastorali armoniku tad-djoċesi.

### 3.9 Database u Websajt

Biex l-istruttura tkun tista' taħdem sewwa, hemm bżonn ta' komunikazzjoni tajba fuq diversi livelli. Biex tgħin din il-komunikazzjoni hu importanti li jkun hemm *database* komprensiva u li tiġi aġġornata kontinwament. Għalhekk il-*project leaders, coordinators* u *staff* għandhom id-dmir li l-kuntatti li huma jagħmlu jgħadduhom mal-ewwel lill-*clerk* tal-KDŻ biex jiġu inklużi fid-*database*.

Il-websajt hi wkoll għodda importanti immens għal diversi raġunijiet fosthom għax isservi bħala pjattaforma għall-KDŻ li permezz tagħha nwasslu ħafna informazzjoni lil hinn mill-bieb tal-KDŻ. Hi wkoll waħda mill-iżjed għodda importanti fejn jidħol kuntatt ma' persuni fi strutturi esterni.

### 3.10 Kuntatt fl-istruttura interna tal-Kummissjoni

Il-kuntatt l-aktar importanti huwa li kull min hu responsabbli ta' xi tim/proġett għandu dejjem iwassal dak li jingħad fil-laqgħat lil dawk li għalihom ikun responsabbli. Minkejja dan, biex tkun ffaċilitata l-komunikazzjoni tajjeb li darba fil-ġimgħa jinħareġ *update* li jintbagħat lil dawk il-persuni li qed jiffurmaw parti mill-istrutturi interni tal-Kummissjoni. 'Il quddiem dan l-*update* jista' jiġi wkoll imtejjeb permezz ta'

- *Updates* ta' dak li jkun qed jiġri fl-amministrazzjoni tal-KDŻ
- *Updates* ta' dak li jkun qed jiġri fl-erba' aspetti
- *Updates* ta' dak li jkun qed jiġri fl-erba' ambjenti
- *Updates* ta' dak li qed jiġri in-ġenerali fil-Knisja f'Malta
- *Updates* ta' dak li qed jiġri fil-Knisja Universali.

## Proposta Temporanja għal kif jista' jkun hemm mixja formattiva u ċelebrattiva djoċesana għaż-żgħażagħ

### 1. Introduzzjoni

Id-dokument tas-Sinodu Adolexxenti u Żgħażagħ, f'paragrafu numru 36 jgħid li "għandha tkun prijorità tal-KDŻ li toħloq programmi didattiċi immirati li jirrispettaw l-iżvilupp f'kull settur tal-ħajja żagħżugħa

→

b'possibbiltà ta' flessibbiltà u addattament." Peress li l-Kummissjoni għadha qed tagħmel il-kuntatti meħtieġa biex dawn il-programmi jinħadmu, qed tkun proposta din il-mixja li sservi ta' mixja formattiva djoċesana sakemm dawn il-programmi jkunu stabbiliti.

## 2. Mixja mibnija fuq it-tema magħżula mill-Papa

Id-dokument tas-Sinodu jkompli jgħid li għandha tingħata prijorità lil:

(i) għarfien ta' Ġesù bħala t-Triq, il-Verità u l-Ħajja;
(ii) l-iżvilupp sħiħ tal-persuna fid-dawl tal-fatt li kull bniedem hu l-glorja ta' Alla;
(iii) ir-responsabbiltà u l-impenn (inkluża l-ġustizzja soċjali);
(iv) il-familja;
(v) l-interkulturalità u l-globalità;
(vi) il-missjoni (AŻ 36)

Peress li dawn it-temi kważi dejjem joħorġu fil-messaġġi li l-Papa jikteb fuq it-tema li jkun għażel, qed ikun propost li din il-mixja tinbena fuq it-tema li l-Papa jkun għażel għal matul dik is-sena u l-messaġġ li jkun ħareġ dwar din it-tema. Eżerċizzju simili qed ikun implementat f'kull djoċesi Taljana, wara li ħarġet proposta minn Verona 06.

## 3. Struttura tal-mixja

Din il-mixja, peress li hi waħda temporanja, mhix mixja 'komprensiva', fis-sens li mhix mixja li se timpenja u tinvolvi kull proġett fi ħdan il-KDŻ. Fi kliem ieħor - din il-mixja hi biss parti mill-pjan pastorali armoniku u ma tinkorporax it-twettiq tal-pjan pastorali armoniku sħiħ. 'Il quddiem, ikun ideali li mixja bħal din iżda aktar komprensiva tkun il-frott konkret tal-pjan pastorali armoniku - bħala dik il-parti tal-pjan pastorali li tolqot direttament u b'mod partikolari lil dawk li huma impenjati fil-formazzjoni taż-żgħażagħ.

## 4. Formazzjoni u Ċelebrazzjoni

Iż-żewġ aspetti prinċipali li fuqhom tinbena din il-mixja huma l-formazzjoni bħala bażi, u ċ-ċelebrazzjoni bħala l-qsim flimkien ta' dak li jkun ġie esperjenzat fil-mumenti tal-formazzjoni.

## 5. Mixja li timpenja persuni ġewwa u barra l-KDŻ

Din il-mixja hi wkoll mixja li tinvolvi kemm persuni li huma involuti fl-istruttura interna tal-KDŻ kif ukoll dawk li huma involuti fl-għaqdiet u l-movimenti, fil-parroċċi eċċ. Jista' wkoll ikun hemm pesuni li f'din il-mixja jimpenjaw ruħ-hom bħala *liason* bejn dawn l-ambjenti msemmija hawn fuq u l-KDŻ.

## 6. Qafas tal-proposta

Dan il-qafas, li d-*draft* tiegħu qed jitħejja, hu mibni madwar numru →

ta' ċelebrazzjonijiet djoċesana u jservi ta' qafas għall-formazzjoni li tkun qed ssir fid-diversi ambjenti. Hu qafas flessibbli u li jagħti biżżejjed spazju biex il-formazzjoni ssir skont il-kariżma ta' kull għaqda/ moviment.

## 7. Punti partikolari fuq dan il-qafas

i) It-timijiet *ad hoc* huma magħmula minn volontiera tal-KDŻ kif ukoll minn persuni li jkunu ġejjin mid-diversi ambjenti u li joffru l-għajnuna tagħhom b'mod temporanju.

ii) Ir-*resource pack* għandu jservi ta' gwida għall-formazzjoni li tingħata fid-diversi ambjenti fuq il-messaġġ tal-Papa. Dan ir-*resource pack* ikun jinkludi:

- Il-messaġġ tal-Papa għaż-żgħażagħ tad-dinja kollha;
- Il-messaġġ tal-Arċisqof għaż-żgħażagħ Maltin;
- Skemi ta' laqgħat fuq it-tema u l-messaġġ tal-Papa;
- Skemi ta' laqgħat fuq il-messaġġ ta' l-Arċisqof;
- Suġġerimenti għal ċelebrazzjonijiet liturġiċi u paraliturġiċi mibnija fuq dan it-tema magħżula mill-Papa;
- Lectio Divina fuq il-messaġġ tal-Papa;
- Lista ta' riżorsi li jistgħu jkunu ta' għajnuna għall-formazzjoni fuq it-tema magħżula mill-Papa;
- Għajnuniet prattiċi għal min jixtieq jibni l-eżerċizzi tar-Randan fuq it-tema magħżula mill-Papa;

iii) Iċ-ċelebrazzjoni mal-Arċisqof, li tagħti bidu għas-sena liturġika l-ġdida li matulha ssir ir-riflessjoni fuq it-tema magħżula mill-Papa għal dik is-sena tikkonsisti:

- Fit-talb tal-ewwel vespri tal-ewwel Ħadd tal-Avvent li l-Arċisqof jitlob flimkien maż-żgħażagħ;
- F'quddiesa li matulha (flok l-Omelija) l-Arċisqof jippreżenta l-messaġġ tiegħu għaż-żgħażagħ Maltin mibni fuq it-tema magħżula mill-Papa;
- Preżentazzjoni tar-*resource pack;*
- Mument ta' ferħ flimkien;

iv) L-irwol tal-KDŻ fiċ-ċelebrazzjonijiet imsemmija f'dan il-qafas huma wieħed ta' kordinazzjoni. L-attivitajiet infushom huma maħsuba li jinħadmu minn rappreżentanti mid-diversi ambjenti megħjuna minn volontiera tal-KDŻ speċjalment fejn jidħlu finanzi u loġistika.

v) Is-*CD compilation* imsemmija fil-qafas hi CD li se tinkludi għażla ta' kanzunetti li nkitbu fuq it-tliet temi li għażel il-Papa *(u li ġew magħżula flimkien biex issir mixja)* minn Christian Bands Maltin.

Kulmin jixtieq jgħid kif jaħsibha fuq dan id-dokument, jista' jagħmel dan billi jikteb lil KDŻ jew juża l-e-mail: info@kdz.org.mt. Il-f*eedback* tagħkom ikun apprezzat ħafna.

■ ■ ■

the way to Action

14-22 November 2009

“Give me Leaders and I will Raise the World” - Cardijn

# The Way for a Good Christian

## Social Catholic Teachings & Young People's Formation

**Saturday 21st November 9am**

**ZHN Cardijn Centre**
Triq San Pawl
San Pawl il-Bahar

Guest Speaker:

## Fr. John Marsland

Registration
Email: info@kdz.org.mt

ZHN Zghazagh Haddiema Nsara

KDZ kummissjoni djocesana zghazagh

www.zhnmalta.org/cardijn

ZHN MALTA FORMATION WEEK